# IT-TIENI KAPITLU

# EDITH TITKELLEM MAL-HALLIEL

Fehmet sew dak li kien qed jigri ghaliex kienet semghet lill-qaddejja tghid li biex dahlu fin-numru 18, il-halliel jew hallelin uzaw il-lima.

“Dan zgur xi halliel u ser iqajjem lil ommi,” qalet bejnha u bejn ruhha. Li kieku kienet akbar fl-eta’ u kienet taf aktar fuq l-imgieba tal-hallelin, kienet tnissel aktar biza’ fiha, imma dak il-hin ma hasbitx fiha nnifsha, izda fuq ommha.

Wara li hasbitha sew, malajr hadet decizzjoni li l-halliel ma kellux jaghmel hsejjes. “Immur isfel u nghidlu biex izomm il-kwiet kemm jista’

jkun u nghidlu ghaliex ukoll."  Kienet haga stramba li taghmel hekk f'kaz bhal dan.  Hija harget mis-sodda bil-mod il-mod biex ma tqajjimx lil ommha u nizlet isfel inkiss inkiss fuq ponot subghajha ta' saqajha. L-isserar tal-lima kien waqaf u semghet passi fil-kcina u kif stqarret wara l-grajja, qalbha bdiet thabbat aktar bil-ghaggla.



Waslet hdejn il-bieb tal-kcina u fethitu. Immagina kemm stghageb il-halliel li meta dar lura malli nfethat il-bieb, jilmah quddiemu tifla ta' madwar tmien snin liebsa pigama bajda u miexja hafja u thares lejh b'harsa ta' hbiberija. Kienet diga taf kif ser iggib ruhha quddiem il-halliel. Kienet ser tkun edukata ghax kif hasbet hi, il-halliel ma jitnaffarx u juza wkoll l-edukazzjoni maghha wkoll.  Barra minn hekk semghet lill-qaddejja tghid li dejjem tghaddi ta' dak li jkun edukat.



L-ewwel kliem taghha kien edukat kemm jista' jkun. "Tibzghax, " qaltlu b'vuci baxxa, " Jiena ma jien ser naghmillek xejn. Gejt nitolbok favur." Il-halliel tant stghageb li ma kellux kliem xi jghid. Nesa' li kien halliel u x'gie jaghmel f'dik id-dar . Serrah dahru mal-hajt. Haseb li Edith kienet spirtu. " Ara jiena mhu ser naghmillek ebda hsara. U anke kieku ridt naghmillek xi hsara dan jiena ma nistax naghmlu ghax jiena zghira wisq hdejk. Ghandi biss sebgha snin u ftit aktar. U anqas ser inwerzaq ghax inkellha nqajjem lil ommi. U dan li nitolbok, biex izzom il-kwiet."

Ghal dan il-kliem ta' Edith, il-halliel baqa' issummat u ma kienx jaf iwiegeb. Meta gie f'tieghu, il-halliel lissen xi kliem baxx u vulgari li Edith ma fehmitx. Inzerta li dak il-halliel kien wiehed minn dawk li qatt ma mar skola u edukazzjoni ma kienx jaf xi tfisser, precizament kien halliel kif kien iddeskriviet il-qaddejja Jane. Imbaghad beda' jidhaq bla ma jaghmel hsejjes u biex juri lil Edith li kien ser jimxi max-xewqa

taghha, pogga idejh quddiem halqu. “Iz-zghira ma hiex ser twegghani...hah... hah...ha,” qal b’dahqa il-halliel.

“Isma’ sinjurina,” qalilha l-halliel,” ma nhiex ser ninkwieta lil hadd, anqas lill-qaddejja, ghalhekk ghaddejt mit-tieqa u mhux mill-bieb. Gejt naghmel bicca xoghol bil-lejl.”

“Ara,” qaltlu Edith b’wicc ta’ serjeta’, “ Qieghda nara li inti ma gejt biex ticcajta bhalma kultant missieri jaghmel mieghi. Dak li rrid nghidlek hu dan: Il-Papa mar Scotland fuq xoghol, u l-qaddejja taghna ilkoll huma rieqda u ommi jekk tarak tant tibza’ li bil-qata’ timrad. Jekk inti bi hsiebek tisraq, aghmel dan bil-mod u fil-kwiet sabiex ma tqajjimhiex.”

Il-halliel baqa’ issummat ghal dak li sema’ u ghall-ftit mumenti ma kienx jaf x’ser jaghmel.

Fl-ahhar qalilha: “Ma hemmx zmien x’nahli.”

“Sew qieghed tghid ma hemmx zmien x’tahli. Ommi tista’ tqum u meta tara li ma inhiex hdejha zgur li tqajjem il-qaddejja biex ifittxuni. X’ser tisraq l-ewwel?”

“Ahjar tmur hdejn ommok, fuq,” wissieha l-halliel.

Hsibijiet koroh u tal-biza’ bdew ghaddejjin bil-giri minn mohh Edith.

Imbaghad qalet lill-halliel bil-kuragg: “L-ewwelnett qatt ma jmissek tisraq u tiehu dak li mhux tieghek u li ma hdimtx ghalih. Imma jekk inti diga ddecidejt li taghmel hekk, allura rrid nurik, fejn huma l-affarijiet li ghandek tiehu.”

“Per ezempju?,” staqsa l-halliel.

“Inti ma ghandekx tiehu ebda haga li hija ta’ ommi,” infurmathu  Edith, ” ghaliex dawk kollha huma fil-kamra taghha u zgur li inti tqajjimha jekk tidhol f’kamritha u barra minn hekk li tisraqilha hwejjigha zgur li taqsmilha qalbha. Ma tistax tiehu l-affarijiet ta’ missieri li hu jzomm bhala gheziez ghalih. Halli nghidlek, tista’ tiehu dawk li huma tieghi.”

“U xi hwejjeg ghandek, inti? ” staqsieha l-halliel.

“Il-gizirana u l-arlogg li tani missieri u l-brazzuletti li tatni n-nanna. Dawn jiswew hafna flus. Sbieh hafna u xtaqt nilbishom meta nikber ftit iehor, imma tista’ tohdhom. ” Imbaghad hadet nifs kbir ‘l gewwa u kompliet: “Inti thobbhom il-kotba?”

“Ma rridx kotba. Dawk ma ghandhix bzonnhom.”

“Ahjar. Mela inzommhom ghalija. Immur fuq u ngib l-hwejjeg l-ohra?”

“Le,” wegibha,” Oqghod fejn int jew ahjar oqghod fil-kcina sakemm nara x’ghandi naghmel.”

Huwa ndikalha targa biex toqghod bil-qieghda fuqha u beda jiftah il-kxaxen wiehed wiehed, fejn haseb li kienu l-posati tal-fidda.

Edith li kien qed issegwi kull pass tieghu qaltlu: “ Kurjuza l-bicca li inti taf fejn ghandek tfittex u li c-cavetta tieghek taqbel ma’ kullimkien.”

“Tassew ,” wegibha l-halliel xott xott. “Dak rizultat ta’ l-edukazzjoni li hadt.”

“Inti hadtha l-edukazzjoni tieghek?,” staqsietu Edith b’harsa ta’ sorpriza.

“Tahseb li ma hadthiex?”

“Insomma,” wegbitu Edith filwaqt li xtaqet li ma toffendihx, ” kliemek jinstema’ stramb, mhux tas-soltu.”



“Skond kif thares lejha. Oxford u Cambridge ghandhom vokabularju differenti,” qalilha l-halliel.

“Inti attendejt Oxford?”

“U la Oxford u anqas Cambridge”

Dahaq wahda qsira u deher li kien qed jiehu gost waqt li kebbeb xi frieket u mgharef tal-fidda go bicca drapp. “Nispera li dawn ma humiex mahsula bil-fidda, izda huma tal-fidda mastizz.”

Hekk kif il-halliel fetah kexxun iehor qal xi haga minn taht li Edith ma fehimtux, imma kienet okazzjoni biex tistaqsih: “Allura n-negozju tieghek huwa wiehed tajjeb?”

“Ma ngergirx, ghalkemm mhux tajjeb daqs li wiehed jistenna,” wegibha l-halliel,” Hadd ma ghandu flus u sinjur daqs li inti int, ghaziza ckejkna tieghi.”

“Ftakar li weghedtni li ma ntihx ser taghmel hoss.”

“Bhala regola,” qalilha l-halliel,” ahna ma naghmlux wieghdi jew naghmlu hsejjes aktar milli nistghu.  Ma hiex haga sabieha u ta’ min jinkorragieha fix-xoghol taghna.”

“Tista’ thallilna ftit frieket u mgharef biex bihom nieklu, jekk joghgbok?  Skuzani jekk interrompejtek, imma wisq nibza’ li mhu ser ikollna xejn biex bihom nieklu l-kolazzjon.”

“Ma ghandkomx ta’ l-azzar?,” staqsa l-halliel.

“Ommi ma thobbx tuza dawk ta’ l-azzar,” wegbitu Edith,” Nghidlek jien x’ghandek taghmel. Halli bizzejjed ghal ommi u jiena nuza ta’ l-azzar. Ma insibx diffikulta’ fuq hekk. Tajjeb?”

Ir-ragel deher jahsibha ghal mument u mbaghad ghamel kif xtaqet Edith, anzi aktar minn hekk, tant li halla wkoll il-furkett iz-zghira, s-sikkina u l-imgharfa li bihom kienet tiekol Edith.

Meta ratu jaghmel hekk Edith qaltlu: “Tassew qalbek tajba.”

“Dak rigal talli inti ma werzaqtx,” qalilha l-halliel.

Ghal ftit tal-hin mohhu kien okkupat fi hwejjeg ohra tant li  ma lissinx kelma wahda ghalkemm kultant kienet tahrablu xi dahqa zghira bhallikieku kien qed jahseb fuq xi haga li ma kienitx taghmel sens.



Waqt dan is-silenzju, Edith baqghet bilqieghda fejn kien indikalha l-halliel bil-pigama tghattilha saqajja. Kienet qed timxi warajh b'ghajnejha kull pass li kien jaghmel u minn mohha bdew ghaddejin sfilati ta' hsibijiet, wiehed wara l-iehor, hekk li ma felhitx izzomm halqaha maghluq u staqsietu: "Tassew li inti kuntent bis-sengha tieghek ta' halliel jew tixtieq tkun xi haga ohra?"

"Forsi nippreferi li nkun Sindku jew membru tal-House of Lords, jew il-Princep ta' Wales.... biss dawn qatt ma nista' nilhaqhom ghax fin-nofs hemm problemi."

"Oh," lissnet Edith," veru li qatt ma tista' tkun il-Princep ta' Wales, li ridt infisser hu li tixtieq tahdem fi professjoni ohra? Missieri hu editur ta' gazzetta, ma tixtieqx tkun editur inti wkoll?. Forsi jkellem lil hbiebu fuqek, jekk tatini ismek u fejn toqghod u jekk nghidlu kemm izzomm kelmtek u li tassew trid thalli din it-triq ta' serq."

Il-halliel dahhal idu fil-but u ta bidu ghal sorpriza kbira. "Jiddispjacini li insejt ingorr il-karta ta' l-identita' mieghi."

"Hasra kbira, imma jekk tghidli isemek u l-indirzz niftakarhom zgur."

"Nibza' li ma tasalx biex izzommhom f'mohhok, imma ser nippruvak," qalilha l-halliel. " Jiena Lord Halgernon Hedward H Albert de Pentoville. Tiftakar dan li ghadni kemm ghidtlek?"

"Mela inti Lord," esklamat Edith," x'haga stamba din?"

"Spiss nahseb li jien hekk.  Imma biex ma nzommx sinjurina bhalek aktar milli hu mehtieg, ejja mmorru fil-librerija."

"Taghmilx hoss," talbitu Edith waqt li wrietu t-triq." Imma meta waslu fil-librerija, qalbha ghamlet tikk. Dawk il-hwejjeg kollha li missierha

kien jghozz kienu kollha hemm u kienet zgura li missierha jissobigh jekk xi haga tonqos. Waqfet fid-dahla tal-librerija, imbaghad qalet lill-halliel, " Aghmilli pjacir iehor trid? Hallini nitla' fuq bil-kwiet biex ingib l-affarijiet tieghi.  Tant ikun facli biex iggorrhom u fuq kollox igibu prezz tajjeb. Intihomlok rigal jekk inti ma tmiss xejn mill-hwejjeg li jghozz missieri."



Ghal din it-talba, il-halliel taha harsa stramba u fl-istess hin imhawda.

"Isa mur u gibhom?"

Hafja kif kienet, saqajha ma ghamlu ebda hoss hekk kif telghet it-tarag u mill-gdid nizlet.  Imma meta tatu l-kaxxa tat-tezor taghha, zewgt demghat gelbnu ma' haddejha.

"Missieri tani dan l-arlogg u ommi tatni din il-gizirana, u l-perli kienu tan-nanna....issa n-nanna qieghda fis-sema."

Ma hiex haga hafifa li tkun taf x'ghadda minn mohh il-halliel; deher stramb aktar minn qatt qabel.  Forsi ma kienx hekk qalbu hazina bhal hallelin ohra u hassu jisthi li jiehu t-tezori ta' tifla ckejkna li kienet thobb lil ghajrha aktar minnha nnfisha.  Imma huwa ma miss xejn minn dak li kien ta' missierha u ma damx aktar milli kien mehtieg.  Gerger tnejn meta ta' harsa fil-librerija u qal bejnu u bejn ruhu : " xi whud ma ghandhomx konsiderazzjoni ghal min hu inqas ixxurtjat. Jippretendu li jgorru arlogg tal-bronz li jiswa' hamsa u sebghin lira u xi statwetti ta' l-irham."

Hareg u flimkien ma' Edith erhilha mill-gdid ghall-kcina fejn kiel bicca torta tal-laham u xorob tazza imbid li ghal Edith dehret kwantita' kbira biex tnizzilha f'daqqa wahda.

U xorobha sa l-anqas qatra u biex ikun cert li ghamel hekk tefa' rasu lura hafna biex fit-tazza ma jifdal xejn.

Imbaghad ha s-sorra li fiha kien gezwer il-fidda u hwejjeg ohra u meta ratu ser jitlaq, Edith qamet minn fejn kienet.

"Inti ser tohrog mit-tieqa?" staqsietu.

"Iva," wegibha," nippreferi t-twieqi mill-bibien."

"Mela ma fadalli xejn hlief nghidlek bye bye," qaltlu Edith filwaqt li harget idha biex tohodlu b'idejh, "u grazzi hafna, lord."



Hassitha li tkun haga rispettabbli li taghmel hekk minkejja li r-ragel kien ta' karattru hazin u halliel.

Il-halliel newwel idejh lil Edith biex jirreciproka u sanhansitra anke inkina. Meta rat hekk Edith hasbet li kieku dan ir-ragel kellu opportunita' li jitghallem zgur li jkun bniedem tajjeb. Stghagbet mhux ftit meta ratu xi grazzja kellu biex johrog mit-tieqa; gheb f'sekonda u Edith sabet ruhha wahedha fid-dlam ghaliex huwa ha l-lanterna mieghu.

Hija telghet fuq fid-dlam minghajr ma xeghlet u bezghet aktar minn dawk il-mumenti li fihom kienet mal-halliel. "Li kieku kien halliel hazin zgur kien joqtolni,"hasbet Edith, "Xorti kbira ghalija li ghadni hajja."